MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 585/2007

**Antonia Schembri 457M**

**Vs**

**Joseph Schembri**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fl-20 ta' Lulju, 2007 fejn gie premess illi l-partijiet kienu sseparaw abbazi ta' kuntratt ta' separazzjoni datata 29/08/05 u illi minn dan il-kuntratt jirrizulta illi l-intimat ragel tal-esponenta ghandu jhallas ghall-ispejjes tat-trasferiment tad-dawl u ilma u l-meter elettrici taghhom kif wkoll il-kontijiet liema jammontaw ghall-tlett mija disgha u tletin Liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (LM339.72) bl-ispejjes u bl-imghaxijiet u l-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut tal-21 ta' Awissu, 2007 fejn gie eccepit illi (1) l-ammont pretiz mill-attrici irid jigi ppruvat, (2) illi l-konvenut skond il-ftehim ta' separazzjoni

pprova jqabbad lin-nies fosthom lil Mark Cassar (electrician) sabiex isir ix-xoghol mehtieg, pero` l-attrici ma hallitux jaghmel dan ix-xoghol, (3) illi l-attrici dahlet nies terzi fil-garaxx propjeta` tal-konvenut minghajr il-permess tieghu u qatghatlu l-pijpijiet ta' l-ilma u kkagunatlu hsara fil-fond, (4) salv eccezzjonijiet ohra.

Sema' x-xhieda kollha prodotti u ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ha konjizzjoni ta' l-atti kollha, sema` d-difensuri tal-partijiet u ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi l-**attrici** stqarret illi hi sseparat minn ma' zewga l-konvenut, u tghid illi qed tavvanza l-pretensjoni taghha a bazi tal-klawsola 5A tal-kuntratt ta` separazzjoni. Tghid illi l-meter ma sarx fi zmien xahrejn kif imnizzel fil-kuntratt, kif ukoll illi l-hlas relatati mad-dawl u ilma ma sarx. Tghid illi hallset kollox hi u qalet li l-ftehim kien li tithallas sakemm meta jkollha l-meter tad-dawl. Izzid illi ghalkemm il-konvenut kien pprova jaghmel xi xogholijiet, hi ma waqqfitux izda hu baghat electrician biex jaghmel ix-xogholijiet. Xehdet illi kellha twaqqaf lill-electrician minhabba il-posizzjoni tal-meters.

Xehed il-konvenut **Joseph Schembri** fejn stqarr illi qabel ma ffirmaw il-kuntratt tas-separazzjoni, hu kien diga` beda jaghmel xi xoghol preparatorju u jghid li kien qabbad electrician minhabba li wara l-kuntratt ma kienx ghad kellu access ghad-dar. Jghid illi l-electrician kien infurmah illi l-attrici waqqfitu mix-xogholijiet peress illi x-xogholijiet kienu qeghdin isiru kontra l-ligi. Jghid illi ghal xi xhur il-meter tad-dar baqa` fil-garaxx izda l-attrici kienet qed taghmel uzu mill-konsum tieghu mid-dar taghha.

Izid illi hallas xi zewg jew tlett kontijiet pero` wara xi zmien waqaf ihallas. Jghid illi ftit zmien qabel ma nbdiet dina l-kawza, sab illi kienu dahlu xi haddiema fil-garaxx tieghu, sab il-pijpijiet maqtughin u l-meter tad-dawl kien ghadu f'postu izda ma kellux komunikazzjoni. Izid illi l-bieb li

jifred il-garaxx mill-fond kien imbarrat bil-gebel. Jghid illi ghalkemm martu qatt ma qaltlu illi l-meters qeghdin il-gewwa wisq, dan sar jafu minghand l-electrician.

Xehed **Mark Cassar** prodott mill-konvenut fejn stqarr illi huwa electrician licenzjat. Jghid illi l-konvenut kien talbu jaghmel *shifting of meter* mill-garaxx t'isfel ghall-post ta' fuq. Jghid illi kien avza lill-attrici waqt l-ispezzjoni li kien ghamel sabiex tinforma lill-Enemalta fuq il-problema li l-cable kien diehel minn wara tad-dar, sabiex ma jsirux spejjez zejda. Qal illi l-attrici insistiet illi trid il-meter wara l-bieb ghalkemm hu kien sab illi s-servizz f'dik it-triq kien ghaddej minn naha ta' wara. F'dan l-istadju hu ma kienx ghamel xogholijiet, hu kien informa lill-partijiet illi kellhom huma jiccejkaw l-affarijiet ma' l-Enemalta. Eskluda illi lill-attrici weghda li fi zmien gimgha jgibilha s-servizz fuq in-naha ta' quddiem tad-dar.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi mill-kuntratt ta' separazzjoni tad-29 ta' Awissu 2005 li jirregola s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet, jirrizulta illi d-dar 28, The Acorns, Triq il-Barrieri, Zurrieq giet assenjata in toto a favur il-mara.

It-Tribunal josserva illi minkejja illi d-dar tal-attrici giet hemmek stmata fil-valur ta' Lm45,000, b'dana kollu hija giet moghtija il-beneficcju ta' Avukat ghall-Ghajnuna Legali.

Illi l-kawsola 5a tal-kuntratt msemmi ighid :

*Peress illi presentament hemm meter tad-dawl wiehed biss li jinsab fil-garage, il-partijiet qeghdin jiftehmu li ghandu jsir meter tad-dawl/ilma gdid fid-dar fi zmien xahrejn mid-data ta' dan l-att a spejjes interament tar-ragel. Sakemm jitwahhal meter gdid fid-dar, il-kontijiet tad-dawl u ta' l-ilma ghandhom jithallsu mir-ragel. Sussegwentament il-partijiet jaqqblu u jiftehmu illi l-kontijiet tad-dawl u ilma ghandhom jithallsu interanet u esklussivament mill-mara fir-rigward tad-dar The Acorns, Triq il-Barriera, Zurrieq.*

Illi d-dicitura ta' din il-klawsola huwa car u ma thalli ebda lok ghall-interpretazzjoni. Il-ftehim kien illi fi zmien xahrejn mill-kuntratt isir meter tad-dawl/ilma gdid a spejjes interament tar-ragel. Ukoll illi sakemm issir il-bidla fil-meters, il-konvenut kellu jiehu hsieb il-hlas tal-kontijiet ta' dawl u ilma.

Jirrizulta illi r-ragel kien ta bidu ghall-eskuzzjoni ta' l-obligu tieghu anke billi baghat electrician ghand l-attrici – pero` il-meter il-gdid baqa` ma sarx minhabba xi intoppi spjegati mill-istess electician.

L-attrici cahhdet illi kienet hi illi waqqfet lill-konvenut milli jaghmel ix-xogholijiet. Minn naha tieghu l-konvenut ighid illi l-electrician ma thalliex ikompli bix-xogholijiet ghax twaqqaf mill-attrici.

Indipendentament mill-verzjonijiet opposti tal-kontendenti, it-Tribunal iqis ukoll it-terza persuna, f'dan il-kaz l-electrician li kien mibghut biex jezegwixxi x-xogholijiet mill-konvenut.

Mid-deposizzjoni u l-apprezzament tax-xhieda ta' Mark Cassar, it-Tribunal jista` jikkonkludi illi anke kieku kien veru illi l-attrici waqqfet lill-electrician, (haga li ma tistghax tigi dedotta mix-xhieda ta' Cassar), b'dana kollu l-problema li minhabba fiha ma sarux ix-xogholijiet kienet peress illi l-*main* tad-dawl kien diehel minn wara tad-dar u l-meters ma setghux isiru fuq quddiem. Anzi, tant kienet problema din – illi kien Cassar stess illi ssuggerixxa illi l-partijiet ikellmu foreman jew engineer tal-EneMalta. Altru allura milli din kienet problema li holqot l-attrici biex ixxekkel ix-xogholijiet, kif jidher illi qed jipprova jallega l-konvenut.

It-Tribunal ghalhekk, filwaqt illi jqis illi l-ispejjes tal-bdil tal-posizzoni tal-meters huma dejjem fuq il-konvenut ai termini tal-kuntratt hawn fuq msemmi, kien ikun propens illi ma jakkordax il-hlas tal-kontijiet ta' konsum ta' dawl u ilma li qed jigu hawnhekk mitluba (parti mit-talba) li kieku

it-Tribunal seta` jkun konvint illi d-dewmien fic-caqlieq tal-meters kien dovut ghal tort imputabbli lill-attrici.

Dan qed jinghad, ghax l-ispirtu tal-klawsola 5 A hawn fuq kkwotata u riprodotta zgur li ma jistghax jinghad illi kien tali li l-attrici ttawwal l-esekuzzjoni tax-xogholijiet sabiex jibqghu jithallsu l-kontijiet tad-dawl u ilma da parti tar-ragel. U allura li kieku t-Tribunal kien konvint illi l-attrici fixxklet l-esekuzzjoni b'agir taghha intenzjonat u apposta sabiex ir-ragel jibqa` jhallas l-kontijiet hu – allura t-Tribunal, b'ekwita` u anke b'gustizzja kien ikun propens illi jara illi l-kontijiet li hallset il-mara u li taghhom qed titlob rimbors – ma kienx jakkordhom.

B'dana kollu mill-provi kollha prodotti, it-Tribunal ma jistghax jikkonkludi illi d-dewmien sehh minhabba tortijiet imputabbli lill-attrici, kif hawn fuq spjegat.

Illi ghalhekk it-Tribunal ma jsib ebda raguni ghaliex ma ghandux jakkorda t-talba attrici. Minn naha l-ohra, mill-assjem shih tal-provi, ma jistghax lanqas jasal biex jakkolja l-eccezzjonijiet. Mhux biss l-attrici ppruvat l-ammont minnha riklamat, izda anke gie ppruvat illi hija ma xekklitx lill-konvenut jew nies mqabbda minnu fil-qadi ta' dmirijiethom biex jinbiddlu l-meters.

Finalment, sar x'sar sabiex saret il-bidla fil-meters, l-allegazzjoni tal-konvenut illi dahhlu nies estraneji fil-garaxx tieghu u ghamlu hsara, mhux biss ma ssibx konfort fil-provi prodotti, izda addirittura lanqas saret kontro-talba ghal dan il-ghan.

Ghaldaqstant, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, x-xhieda kollha prodotti u d-dokumenti kollha esebiti, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijet tal-konvenut u jilqa` t-talba attrici, jordna ghalhekk lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma minnha riklamata b'dan l-Avviz fl-ammont ta' seba` mija u wiehed u disghin Euro u tlieta u tletin centezmu (€791.33), gja Lm339.72 ghar-ragunijiet hemmek indikati, bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba fl-istess Avviz kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------